

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' April 2014 – Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-340/09) <sup>(1)</sup>

**[“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet — Għajjnuna għall-provvista ta’ servizzi għall-pubblikazzjoni u għall-komunikazzjoni fir-rigward tas-sit tal-internet CORDIS — Rifjut tal-offerti ta’ offerent u deċiżjoni ta’ għoti tal-kuntratti lil offerenti oħra — Klassifikazzjoni tal-offerta ta’ offerent — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 148(1) u (3) tar-Regoli ddettaljati għall-implementazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”]**

(2014/C 175/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermitzakis, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn S. Delaude u N. Bambara, sussegwentement minn S. Delaude, aġenti, assistiti minn C. Erkelens, avukat)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej innotifikata lir-rikorrenti b'ittra tad-9 ta' Ġunju 2009 li ma tilqax l-offerti tagħha, ippreżentati b'risposta għas-sejħa għal offerti Nru 10 017 (CORDIS), rispettivament għal-Lott B, intitolat “Servizzi Editorjali u ta’ Pubblikazzjoni”, u għal-Lott C, intitolat “Provvista ta’ Servizzi Ġodda ta’ Informazzjoni Diġitali”, u li tagħżel l-offerta tar-rikorrenti, ippreżentata b'risposta għall-istess sejħa għal offerti, bħala t-tielet kuntrattur għal-Lott E, intitolat “Żvilupp u Manteniment ta’ Servizzi Ċentrali”, u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE għandha tbat 90 % mill-ispejjeż tagħha u 90 % mill-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li din tal-aħħar għandha tbat 10 % mill-ispejjeż tagħha u 10 % mill-ispejjeż ta’ Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis.

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, 7.11.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 9 ta' April 2014 – Pico Food vs UASI – Sobieraj (MILANÓWEK CREAM FUDGE)**

(Kawża T-623/11) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja MILANÓWEK CREAM FUDGE — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti li jirrappreżentaw baqra, Original Sahne Muh-Muhs HANDGESCHNITTEN HANDGEWICKELT u SAHNE TOFFEE LUXURY CREAM FUDGE — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2014/C 175/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Pico Food GmbH (Tamm, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: M. Vuijst u P. Geroulakos, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bogumił Sobieraj (Milanówek, il-Polonja) (rappreżentant: O. Bischof, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-UASI tat-8 ta' Settembru 2011 (Każ R 553/2010-1), dwar proċediment ta' oppożizzjoni bejn Pico Food GmbH u Bogumił Sobieraj.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Pico Food GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 4.2.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' April 2014 – Comsa vs UASI – COMSA (COMSA)

(Kawża T-144/12) (<sup>1</sup>)

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali COMSA — Isem kummerċjali preċedenti Comsa, SA — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ użu fil-kummerċ ta’ sinjal li l-portata tiegħu ma hijiex biss lokali — Xebh tas-servizzi — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2014/C 175/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Comsa, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment M. Aznar Alonso, sussegwentement A. Gómez López, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Constructora de obras municipales, SA (COMSA) (Madrid, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Jannar 2012 (Każijiet magħquda R 518/2011-2 u R 795/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Comsa, SA u Constructora de obras municipales, SA (COMSA).

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-10 ta' Jannar 2012 (Każijiet magħquda R 518/2011-2 u R 795/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Comsa, SA u Constructora de obras municipales, SA (COMSA) hija annullata, sa fejn din annullat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni għas-servizzi li jaqgħu taħt il-klassi 42 u awtorizzat ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal dawn l-istess servizzi.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Comsa għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-UASI. Dan tal-aħħar għandu jbatl kwart tal-ispejjeż tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 194, 30.06.2012.